

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/426****tal-10 ta' Marzu 2021****li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30160) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-użu tal-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* NCIMB 30160 bħala addittiv tal-għalf ġie awtorizzat għall-ispeċijiet kollha tal-annimali bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1263/2011 <sup>(2)</sup> għal perjodu ta' 10 snin.
- (2) Sussegwentement, l-awtorizzazzjoni ġiet modifikata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1092 <sup>(3)</sup> skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-addittiv.
- (3) Il-modifika maħsuba ma kinitx tikkonċerna l-perjodu ta' awtorizzazzjoni stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011, li kellu jibqa' għaddej sas-26 ta' Diċembru 2021. Madankollu, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092, ġie indikat bi żball li l-perjodu ta' awtorizzazzjoni għal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30160 kellu jibqa' għaddej sas-16 ta' Awwissu 2030. Għalhekk, dak iż-żball iddaħħal fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092.
- (4) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, huwa meħtieġ għalhekk li jiġi kkoreġut ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 fir-rigward tat-tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni għal-*Lactococcus lactis* NCIMB 30160.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092 ippreveda li l-modifika li trid issir fit-termini tal-awtorizzazzjoni tal-addittiv *Lactococcus lactis* NCIMB 30160 kienet tikkonċerna biss il-formulazzjoni tal-addittiv. Ma saret l-ebda referenza għall-ħtieġa li jiġi modifikat il-perjodu ta' awtorizzazzjoni ta' dak l-addittiv. Flimkien ma' dan, l-Artikolu 9(8) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jippreskrivi li l-awtorizzazzjonijiet jingħataw għal perjodu ta' għaxar snin u tali regola ma tistax tiġi dderogata permezz ta' modifika fit-termini ta' awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, ir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf kompli jsemmi d-data tas-26 ta' Diċembru 2021 bħala d-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-addittiv *Lactococcus lactis* NCIMB 30160, anke wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092. In-nuqqas ta' effett retroattiv tal-korrezzjoni proposta jwassal għal ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi, billi l-għoti ta' perjodu estiż ta' awtorizzazzjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092 lill-addittiv *Lactococcus lactis* NCIMB 30160 ikun

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1263/2011 tal-5 ta' Diċembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' *Lactobacillus buchneri* (DSM 16774), *Lactobacillus buchneri* (DSM 12856), *Lactobacillus paracasei* (DSM 16245), *Lactobacillus paracasei* (DSM 16773), *Lactobacillus plantarum* (DSM 12836), *Lactobacillus plantarum* (DSM 12837), *Lactobacillus brevis* (DSM 12835), *Lactobacillus rhamnosus* (NCIMB 30121), *Lactococcus lactis* (DSM 11037), *Lactococcus lactis* (NCIMB 30160), *Pediococcus acidilactici* (DSM 16243) u *Pediococcus pentosaceus* (DSM 12834) bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha (ĠU L 322, 6.12.2011, p. 3).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1092 tal-24 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30160) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L 241, 27.7.2020, p. 10).

ta' benefiċċju biss għall-operaturi li jikkummerċjalizzaw jew jużaw dak l-addittiv. Barra minn hekk, f'dan il-każ ir-retroattività ma titqiesx li taffettwa l-aspettattivi leġittimi tal-operaturi kkonċernati. Fl-aħħar nett, il-korrezzjoni proposta tressqet f'kuntest mhux kriminali, billi jitqies li t-tmiem żbaljat tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni msemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092 kien ir-riżultat ta' żball. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika retroattivament mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1092.

- (6) Sabiex jiġu ppreservati l-aspettattivi leġittimi tal-partijiet interessati u minħabba l-applikazzjoni retroattiva tal-korrezzjoni proposta, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika mis-16 ta' Awwissu 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011, l-entrata dwar l-addittiv *Lactococcus lactis* NCIMB 30160 bin-numru ta' identifikazzjoni 1k2082 hija kkoreġuta kif ġej:

Fil-kolonna "Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni", id-data: "16.8.2030" hija sostitwita bi: "26.12.2021".

---